SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

14 ta' Jannar 2021 *

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Direttiva 2003/96/KE – Tassazzjoni fuq prodotti enerġetiċi u fuq l-elettriku – Artikoli 4 u 19 – Leġiżlazzjoni adottata minn reġjun awtonomu ta' Stat Membru – Kontribuzzjoni għax-xiri ta' petrol u ta' diesel suġġetti għal dazji tas-sisa – Artikolu 6(ċ) – Eżenzjoni jew tnaqqis tad-dazji tas-sisa – Kunċett ta' 'rimbors totali jew parzjali' tal-ammont tat-taxxa – Assenza ta' prova tal-eżistenza ta' rabta bejn din il-kontribuzzjoni u d-dazji tas-sisa"

Fil-Kawża C-63/19,

li għandu bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2019,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn R. Lyal u F. Tomat, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. M. De Socio, avvocato dello Stato,

konvenuta,

sostnuta minn:

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn S. Jiménez García u J. Rodríguez de la Rúa, bħala aġenti,

intervenjent,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, M. Ilešič, E. Juhász (Relatur), C. Lycourgos u I. Jarukaitis, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2020,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, meta applikat tnaqqis tar-rati tas-sisa, previst mil-leġiżlazzjoni reġjonali adottata mir-Regione autonoma Friuli Venezia Giulia (ir-Reġjun Awtonomu ta' Friuli Venezia Giulia, l-Italja iktar 'il quddiem ir-"Reġjun"), fuq il-petrol u d-diesel użati bħala fjuwils, fil-kuntest tal-bejgħ ta' dawn il-prodotti lir-residenti ta' dan ir-reġjun, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 4 u 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p, 405)

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

2 Il-premessi 2 sa 5, 9 u 24 tad-Direttiva 2003/96 huma fformulati kif ġej:

"(2) L-assenza ta' proviżżjonijiet tal-Komunità li timponi rata minima ta' tassazzjoni fuq l-elettriku u prodotti enerġetiċi minbarra żjut minerali tista' taffetwa ħażin il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern.

(3) Il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern u s-seħħ ta' għanijiet ta' politiki oħra tal-Kommunità jinħtieġu livelli minimi ta' tassazzjoni li jkunu stabbiliti fuq livell Kommunitarju għall-bosta mill-prodotti tal-enerġija, u jinkludu l-elettriku, gass naturali u faħam.

(4) Differenzi sostanzjali dwar livelli nazzjonali ta' tassazzjoni fuq l-enerġija minn Stati Membri tista' tkun ta' detriment għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern.

(5) L-istabbilament ta' livelli minimi u approprijati ta' tassazzjoni mill-Kommunità tista' tnaqqas differenzi eżistenti ta' tassazzjoni fil-livell nazzjonali.

[...]

(9) Stati Membri għandhom jingħataw il-flessibilità neċessarja biex jiddefinixxu u jimplimentaw politiki xierqa skond iċ-cirkostanzi nazzjonali tagħhom.

[...]

(24) Stati Membri għandhom jiġu permessi li japplikaw eżenzjonijiet oħra jew livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni, sakemm dan ma jkunx ta' detriment għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u li ma jirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni."

3 L-Artikolu 4 ta' din id-dispożizzjoni jgħid:

"1. Il-livelli ta' tassazzjoni li Stati Membri għandhom japplikaw fuq il-prodotti ta' enerġija u elettriku kif imniżżla fl-Artikolu 2 ma għandhomx ikunu inqas mill-livelli miimi ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva.

2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva 'livell ta' tassazzjoni' huwa il-piż totali intaxxat fir-rigward tat-taxxi indiretti kollha (ħlief [it-taxxa fuq il-valur miżjud (TVA)] ikkalkulat direttament jew indirettament fuq il-kwantità ta' prodotti ta' enerġija u elettriku meta dawn ikunu rilaxxati għall-konsum."

4 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Jekk kemm-il darba dawn jirrispettaw il-livelli minimi ta' tasazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva u li huma kompatibbli mal-liġi tal-Kummunità, rati differenti ta' tassazzjoni jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri, taħt kontoll fiskali, fil-każijiet li ġejjin:

– meta r-rati ivarjaw direttament mal-kwalità tal-prodott;

– meta r-rati ivarjaw minħabba l-livelli ta' konsum kwantitattiv għall-elettriku u prodotti ta' enerġija użati sabiex isaħħnu;

– għall-użu kif imsemmi hawn: trasport lokali pubbliku għall-passiġġieri (li jinkludi t-takxis), ġbir ta' skart, forzi armati u amministrazzjoni pubblika, persuni b'diżabilità, ambulanzi;

– bejn użu għan-negozju u dak li mhuwiex, għall-prodotti ta' enerġija u elettriku li hemm riferenza għalihom f'L-Artikoli 9 u 10."

5 L-Artikolu 6 ta' din l-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Stati Membri għandhom ikunu liberi li jpoġġu fis-seħħ l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva, jew:

a) direttament;

b) u permezz ta' rata li tvarja,

ukoll

ċ) permezz ta' rifużjoni kollha jew parti ta' l-ammont ta' tassazzjoni."

6 L-Artikolu 7(2) u (4) tad-Direttiva 2003/96 jipprevedi li:

"2. Stati Membri għandhom jagħmlu differenza bejn użu kummerċjali u dak li mhuwiex tan-nafta użat bħala propellant, jekk kemm-il darba il-livelli minimi tal-Komunità ikunu osservati u r-rata għall-nafta kummerċjali użata bħala propellant ma tkunx inqas mill-livell ta' tassazzjoni nazzjonali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2003, minkejja xi derogi għal dan l-użu kif imniżżel f'din id-Direttiva.

[...]

4. Minkejja paragrafu 2, Stati Membri li jintroduċu sistema ta' piżijiet għall-karozzi fit-triq jew kombinazzjonijiet ta' vetturi artikulati intenzjonati esklussivament għall-ġarr ta' oġġetti bit-triq jistgħu japplikaw rata mnaqqsa fuq nafta użata minn dawn il-vetturi [...]."

7 Skont l-Artikoli 15 u 17 tad-Direttiva 2003/96, l-Istati Membri jistgħu wkoll japplikaw eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni fil-każijiet li jsir riferiment għalihom.

8 Konformement mal-Artikolu 18(1) tal-imsemmija direttiva, permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tagħha, l-Istati Membri huma awtorizzati jibqgħu japplikaw il-livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni jew l-eżenzjonijiet elenkati fl-Anness II. Mingħajr preġudizzju għal eżami minn qabel mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, din l-awtorizzazzjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006 jew fid-data prevista fl-Anness II tal-istess direttiva.

9 L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96 jistipula:

"1. Flimkien ma dawn id-disposizzjonijiet msemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikolu 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.

Stat Membru li jixtieq jintroduċi din il-miżura għandu jinforma il-Kummissjoni u għandu ukoll jipprovdi lil Kummissjoni bl-informazzjoni kollha relevanti u neċessarja.

Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba, u tieħu in konsiderazzjoni, inter alia, l-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern, il-ħtieġa li tassigura kompetizzjoni ġusta u politiki tal-Komunità dwar saħħa, ambjent, enerġija u trasport.

Fi żmien tliet xhur milli tirċievi l-informazzjoni kollha relevanti u neċessarja, il-Kummissjoni għandha jew tippreżenta proposta għall-awtorizzazzjoni ta' miżura ta' dan it-tip mill-Kunsill jew, inkella, tinforma lill-Kunsill bir-raġunijiet għala ma għamlitx proposta għall-awtorizzazzjoni ta' miżura ta' dan it-tip.

2. L-awtorizzazzjoni riferuta fil-paragrafu 1 għandha tingħata għall-perjodu massimu ta' sitt snin, bil-possibilità ta' tiġdid skond il-proċedura mniżżla fil-paragrafu 1.

3. Jekk il-Kummissjoni tikkonsidra li l-eżenzjonijiet jew tnaqqis provduti fil-paragrafu 1 mhumiex iktar sostenibbli, partikolarment f'termini ta' kompetizzjoni ġusta jew tfixkil fl-operat tas-suq intern, jew f'termini tal-politika tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa, protezzjoni ta' l-ambjent, enerġija u trasport, hija għandha tissotometti proposti xierqa lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni unanima fuq dawn il-proposti."

10 L-Anness II tad-Direttiva 2003/96, intitolat "Rati mnaqqsa ta' tassazzjoni u eżenzjonijiet minn tassazzjoni ta' dan it-tip riferuti fl-Artikolu 18(1)", kien jipprevedi, favur l-Italja, sensiela ta' tnaqqis fil-livelli ta' tassazzjoni, fosthom "tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq petrol ikkonsmat fit-territorju ta' Friuli-Venezia Giulia, kemm-il darba ir-rati huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari ir-rati minimi tat-taxxa tas-Sisa".

Id-dritt Taljan

11 Konformement mal-punt 3 tal-Artikolu 5 tal-iStatuto speciale della Regione autonoma Friuli Venezia Giulia (l-Istatut Speċjali tar-Reġjun Awtonomu ta' Friuli Venezia Giulia), adottat permezz tal-legge costituzionale (il-Liġi Kostituzzjonali), tal-31 ta' Jannar 1963 (GURI Nru 29, tal-1 ta' Frar 1963, p. 554), fil-verżjoni tagħha applikabbli għal din it-tilwima, ir-Reġjun għandu b'mod partikolari setgħa leġiżlattiva fir-rigward tal-istabbiliment tat-tariffi reġjonali previsti fl-Artikolu 51 ta' dan l-istatut.

12 Skont il-punt 7a tal-Artikolu 49 tal-imsemmi statut, dan ir-reġjun għandu jitħallas 29.75 % tad-dħul mid-dazji tas-sisa fuq il-petrol u 30.34 % tad-dħul minn dawn id-dazji kkunsmati f'dan ir-reġjun, għal finijiet ta' trasport u miġbur fit-territorju tiegħu.

13 Il-punt (a) tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 51 ta' dan l-istatut jipprevedi li, bla preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, ir-Reġjun jista', fil-każijiet fejn l-Istat jipprevedi l-possibbiltà għad-dħul fiskali kkonċernat, jimmodifika r-rati ta' tassazzjoni, kemm billi jnaqqashom, fil-limiti attwalment previsti, jew inkella billi jżidhom, mingħajr ma jaqbeż il-livell massimu ta' tassazzjoni previst mil-leġiżlazzjoni tal-Istat, kif ukoll jipprevedi eżenzjonijiet jew idaħħal tnaqqis ta' taxxa u riduzzjonijiet fil-bażi taxxabbli.

14 L-Artikolu 1, intitolat "Għanijiet" tal-legge regionale n. 14, norme per il sostegno all'acquisto dei carburanti per autotrazione ai privati cittadini residenti in Regione e di promozione per la mobilità individuale ecologica e il suo sviluppo (il-Liġi Reġjonali Nru 14 li Tistabbilixxi r-Regoli dwar is-Sostenn għax-Xiri ta' Fjuwils għall-Finijiet ta' Trasport għall-Individwi Residenti fir-Reġjun u l-Promozzjoni tal-Mobbiltà Ekoloġika Individwali u tal-Iżvilupp Tiegħu), tal-11 ta' Awwissu 2010, (*Bollettino ufficiale della Regione autonoma Friuli Venezia Giulia* nru 9 tat-134 ta' Awwissu 2010) fil-verżjoni applikabbli għal din it-tilwima (iktar 'il quddiem il-"Liġi Reġjonali Nru 14/2010) tipprevedi, fl-Artikolu 1 tagħha, intitolat "Għanijiet":

"Sabiex jaffaċċja l-kriżi ekonomika serja, ir-[Reġjun] ta' Friuli Venezia Giulia jipprevedi permezz ta' din il-liġi miżuri eċċezzjonali supplimentari intiżi sabiex isostnu l-mobbiltà fit-toroq kif ukoll sabiex jitnaqqas it-tniġġis ambjentali. B'mod partikolari:

a) tipprevedi miżuri ta' sostenn għax-xiri ta' fjuwils għall-mobbiltà privata fit-toroq;

b) tipprevedi inċentivi għall-użu ta' magni parzjalment jew totalment indipendenti mill-fjuwils kombustibbli għall-mobbiltà fit-toroq;

c) issostni r-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji intiżi għall-ħolqien ta' magni parzjalment jew totalment indipendenti mill-fjuwils kombustibbli;

d) tippromwovi l-estensjoni tan-netwerk ta' distribuzzjoni tal-karburanti b'impatt ambjentali baxx."

15 Skont l-Artikolu 2 tal-Liġi Reġjonali Nru 14/2010, intitolat "Definizzjonijiet":

"1. Għall-finijiet ta' din il-liġi, il-kliem:

a) 'benefiċjarji' ifisser:
1) il-persuni fiżiċi residenti fir-Reġjun proprjetarji jew koproprjetarji tal-mezzi ta' trasport awtorizzati sabiex jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni għax-xiri ta' fjuwils għall-finijiet ta' trasport, jiġifieri l-fjuwils użati għall-provvista ta' vetturi u ta' muturi, jew il-persuni li għandhom id-dritt ta' użufrutt ta' dawn il-mezzi ta' trasport jew li huma kerrejja tagħhom permezz ta' kiri finanzjarju jew leasing;

[...]

b) 'mezzi ta' trasport': il-vetturi bil-mutur u l-muturi rreġistrati fir-reġistri pubbliċi tal-vetturi tar-reġjun, inklużi l-mezzi ta' trasport mikrija b'kera finananzjarja jew b'leasing, sakemm jappartjenu lill-benefiċjarji msemmija fil-punt a):

c) 'karti ta; identifikazzjoni': il-karti li għandhom il-karatteristiċi tekniċi msemmija fl-Annness A, punt 1;

[...]

f) 'POS': l-apparat standardizzat b'karatteristiċi tekniċi speċifikati fl-Anness A, punt 2."

16 L-Artikolu 3, intitolat “Sistema ta’ kontribuzzjoni għax-xiri ta’ fjuwils”, ta’ din il-liġi reġjonali jipprevedi:

“1. L-amministrazzjoni reġjonali hija awtorizzata tagħti kontribuzzjonijiet għax-xiri ta’ fjuwil għall-finijiet ta’ trasport imwettaq mill-persuni benefiċjarji fuq kull provvista individwali ta’ fjuwil, fuq il-bażi tal-kwantità mixtrija.

2. Il-kontribuzzjonijiet għax-xiri ta’ petrol u ta’ diesel huma stabbiliti rispettivament fi 12-il ċenteżmu għal kull litru u fi 8 ċenteżmi għal kull litru.

3. L-ammont tal-kontribuzzjonijiet għax-xiri ta’ petrol u ta’ diesel imsemmija fil-paragrafu 2 jiżdied rispettivament b’7 ċenteżmi għal kull litru u b’4 ċenteżmi għal kull litru għall-benefiċjarji residenti fil-komuni li jinsabu f’żona muntanjuża jew semimuntanjuża indikati bħala żvantaġġati jew parzjalment żvantaġġati mid-Direttiva tal-Kunsill 75/273/KEE tat-28 ta’ April 1975 dwar il-lista Komunitarja ta’ żoni agrikoli żvantaġġati fis-sens tad-Direttiva 75/268/KEE (l-Italja) [(ĠU 1975, L 128, p. 72)] kif ukoll fil-komuni identifikati minn [deċiżjonijiet differenti tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna reġjonali].

4. Għal raġunijiet ekonomiċi jew minħabba raġunijiet imperattivi baġitarji reġjonali, u wara konsultazzjoni mal-kummissjoni kompetenti tal-eżekuttiv, il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 u l-livell ta’ żieda msemmi fil-paragrafu 3 jistgħu jiġu adattati, sal-limitu ta’ differenza ta’ 10 u 8 ċenteżmi rispettivament għal kull litru, permezz ta’ deċiżjoni tal Giunta regionale [del Friuli-Venezia Giulia (eżekuttiv reġjonali), separatament għall-petrol u d-diesel u għal perijodu massimu ta’ tliet xhur li jista’ jiġġedded. Id-deċiżjoni hija ppubblikata fil-*Bollettino ufficiale della Regione autonoma Friuli Venezia Giulia*.

4 a. Mingħajr preġudizzju għall-bilanċ globali tal-baġit, l-eżekuttiv reġjonali jista’, sabiex jaffaċċja sitwazzjoni ekonomika eċċezzjonali, jgħolli l-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, sa massimu ta’ 10 ċenteżmi għal kull litru, permezz ta’ deċiżjoni applikabbli l-iktar tard sat-30 ta’ Settembru 2012.

5. Il-benefiċjarji għandhom dritt għall-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għall-provvisti kollha magħmula skont il-modalitajiet elettroniċi previsti minn din il-liġi fil-punti kollha ta’ bejgħ fit-territorju reġjonali.

5 a. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 8(5) jistgħu jiddefinixxu l-modalitajiet li bihom il-kontribuzzjoni titħallas lill-benefiċjarji fil-każ fejn il-provvista ssir barra mit-territorju reġjonali.

6. Il-kontribuzzjoni ma tingħatax għall-provvista individwali tal-fjuwil meta l-ammont totali tal-vantaġġ ikun inqas minn EUR 1.

7. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija f’dan l-artikolu għandhom jiżdiedu b’5 ċenteżmi għal kull litru jekk il-vettura bil-mutur ikkonċernata mill-provvista tkun mgħammra b’mill-inqas magna b’emissjoni żero kkombinata jew ikkoordinata ma’ magna mħaddma permezz ta’ petrol jew diesel.

8. Mill-1 ta’ Jannar 2015, il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jitnaqqsu b’50 % għall-vetturi bil-mutur minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 7 u approvati skont l-istandard ekoloġiku “Euro 4” jew inqas.

9. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx jingħataw lill-vetturi mixtrija ġodda jew użati wara l-1 ta’ Jannar 2015 jekk ikunu differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 7 u approvati skont l-istandard ekoloġiku Euro 4 jew inqas.

9 a. Kull vantaġġ reġjonali ieħor marbut mal-provvista tal-fjuwil ma huwiex kompatibbli mal-kontribuzzjonijiet mogħtija skont dan l-artikolu.”

17 L-Artikolu 4 tal-imsemmija liġi reġjonali, intitolat "Rekwiżiti u modalitajiet dwar il-kisba tal-awtorizzazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafi (1) u (3) tiegħu, li l-awtorizzazzjoni sabiex jibbenefikaw mit-tnaqqis fil-prezz tingħata lill-persuni kkonċernati mill-Camera di commercio, industria, artigianato ed agricoltura (il-Kamra tal-Kummerċ, tal-Industrija, tal-Artiġjanat u tal-Agrikoltura, l-Italja, iktar 'il quddiem il-"Kamra tal-Kummerċ") tal-provinċja ta' residenza u li l-karta tal-identità tista' tintuża esklużivament għall-provvista tal-vettura li għaliha kienet ingħatat l-awtorizzazzjoni, mill-benefiċjarju biss jew minn persuna oħra formalment awtorizzata minn din tal-aħħar sabiex tuża l-vettura msemmija, filwaqt li l-benefiċjarju jibqa' responsabbli għal kwalunkwe użu ħażin tal-karta tal-identità.

18 L-Artikolu 5, intitolat "Modalitajiet ta' ħlas elettroniku", ta' din il-liġi reġjonali, jipprevedi:

"1. Sabiex tinkiseb il-kontribuzzjoni f'forma elettronika għax-xiri ta' fjuwils għall-finijiet ta' trasport, il-benefiċjarju għandu jippreżenta lill-operatur ta' faċilitajiet fejn jinsabu l-POS, iktar 'il quddiem l-'operaturi', stabbiliti fit-territorju tar-[Reġjun], il-karta tal-identità fir-rigward tal-mezz ta' trasport li għalih tkun inħarġet.

2. L-operatur huwa obbligat jivverifika li l-mezz ta' trasport li pproċeda għall-mili tiegħu huwa dak indikat fil-karta ta' identità. Il-verifika tista' ssir ukoll permezz ta' tagħmir viżiv u elettroniku, jew mezzi li jippermettu kontroll elettroniku tal-korrispondenza bejn il-vettura fornuta u d-data tal-karta użata.

3. Wara l-provvista tal-fjuwil, l-operatur huwa obbligat li jikkonstata immedjatament, permezz tal-POS, il-volum ipprovdut f'litri u li jirreġistrah elettronikament, kif ukoll li jibgħat lill-benefiċjarju d-dokumenti li jsemmu l-proċeduri u l-informazzjoni msemmija fil-punt 3 tal-Anness B.

4. Il-benefiċjarju għandu jivverifika li l-volum ipprovdut f'litri jikkorrispondi ma' dak li huwa indikat fid-dokumenti rċevuti.

5. Ħlief fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3(5)a, il-kontribuzzjoni li tkun ġiet ikkalkolata titħallas direttament mill-operatur permezz ta' tnaqqis korrispondenti fil-prezz tal-fjuwil.

[...]"

19 L-Artikolu 6, intitolat "Modalità ta' ħlas mhux elettroniku", tal-Liġi Reġjonali Nru 14/2010, jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu, li l-eżekuttiv reġjonali jista' jiddeċiedi li jattiva modalitajiet ta' ħlas mhux elettroniku tal-kontribuzzjonijiet għall-akkwist ta' fjuwils għal finijiet ta' trasport mill-benefiċjarji barra mit-territorju tar-Reġjun u li, f'dawn il-każijiet, il-benefiċjarju għandu jibgħat talba f'dan is-sens lill-Kamra tal-Kummerċ kompetenti territorjalment għall-komun ta' residenza tiegħu.

20 L-Artikolu 9, intitolat "Ħlas tal-kontribuzzjoni" ta' din il-liġi reġjonali, jipprevedi:

"1. L-operaturi tal-istabbilimenti mgħammra b'POS huma awtorizzati jħallsu l-kontribuzzjoni għax-xiri tal-fjuwil għall-finijiet ta' trasport b'mezzi elettroniċi.

2. L-operaturi ma jħallsu ebda kontribuzzjoni għax-xiri ta' fjuwil jekk jirriżulta li l-karta tal-identità prodotta għal dan il-għan tkun inħarġet għal vettura differenti minn dik li għandha tiġi pprovduta mill-ġdid jew li din il-karta tal-identità tkun diżattivata.

3. L-operaturi għandhom jikkomunikaw lill-Kamra tal-Kummerċ territorjalment kompetenti, b'mod elettroniku [...], fl-istess jum jew fil-jum ta' xogħol ta' wara, id-data dwar il-kwantità mibjugħa ta' fjuwil għall-finijiet tat-trasport.

4. Għall-finijiet tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-operaturi għandhom jirreġistraw, permezz tal-POS, id-data dwar il-kwantitajiet totali ta' fjuwil għal finijiet ta' trasport mibjugħa, kif jirriżultaw mill-qari tal-kolonni u huma rreġistrati fir-reġistru tal-Ufficio tecnico di finanza (UTF) [l-Uffiċċju Tekniku għall-Finanzi, l-Italja]"

21 L-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali Nru 14/2010, intitolat "Rimborsi marbuta mal-kontribuzzjonijiet", jipprevedi:

"1. L-amministrazzjoni reġjonali għandha tirrimborsa lill-operaturi l-kontribuzzjonijiet għax-xiri ta' fjuwil imħallsa lill-benefiċjarji, bħala prinċipju fuq bażi ta' kull ġimgħa.

2. Ir-rimborsi għandhom isiru fuq il-bażi tad-data maħżuna fid-database informatika, mingħajr preġudizzju għall-każijiet ta' sospensjoni tar-rimborsi jew ta' rkupru tal-kontribuzzjonijiet imħallsa indebitament.

[...]"

Il-fatti li wasslu għall-kawża

22 Sabiex tiġi opposta l-prattika tar-residenti tar-Reġjun intiża għall-provvista ta' fjuwil tal-vettura tagħhom bi prezz aħjar fis-Slovenja, ir-Repubblika Taljana kienet talbet, matul l-1996, deroga skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali (ĠU 1992, L 316, p. 12), sabiex tkun tista' tapplika rata mnaqqsa ta' taxxa tas-sisa fuq il-fjuwils f'dan ir-reġjun.

23 Din id-deroga ingħatat lir-Repubblika Taljana permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/273/KE tat-22 ta' April 1996 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri japplikaw jew ikomplu japplikaw għal ċerti żjut minerali użati għal skopijiet speċifiċi tnaqqis jew eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 92/81 (ĠU 1996, L 102, p. 40).

24 Sussegwentement, fuq il-bażi tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/96, ir-Repubblika Taljana kienet ġiet awtorizzata tkompli tapplika, sal-31 ta' Diċembru 2006, tnaqqis tar-rata tas-sisa fuq il-petrol ikkunsmat fit-territorju ta' dan ir-reġjun.

25 Fis-17 ta' Ottubru 2006, ir-Repubblika Taljana kienet ressqet talba għal deroga skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96 għat-territorju tar-Reġjun.

26 Din it-talba ġiet irtirata fil-11 ta' Diċembru 2006 minn dan l-Istat Membru.

Il-proċedura prekontenzjuża

27 Fl-1 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Taljana skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 258 TFUE, li biha lmentat bl-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa ta' dazji tas-sisa fuq il-petrol u d-diesel użati bħala fjuwils fil-kuntest tal-bejgħ ta' dawn il-prodotti lir-residenti tar-Reġjun. Skont il-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni li tipprevedi dan it-tnaqqis tar-rati tas-sisa kienet tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija, peress li ma kienx jagħmel parti mill-eżenzjonijiet u mit-tnaqqis awtorizzati skont id-Direttiva 2003/96.

28 Il-Kummissjoni kkontestat il-konformità tas-sistema introdotta bil-legge n. 549, Misure di razionalizzazione della finanza pubblica (il-Liġi Nru 549 dwar Miżuri għar-Razzjonalizzazzjoni tal-Finanzi Pubbliċi), tat-28 ta' Diċembru 1995, GURI nº 302, tad-29 ta' Diċembru 1995, p. 5), u bil-legge regionale n. 47, Disposizioni per l'attuazione della normativa nazionale in materia di

riduzione del prezzo alla pompa dei carburanti per autotrazione nel territorio regionale e per l'applicazione della Carta del cittadino nei vari settori istituzionali (il-Liġi Reġjonali Nru 47 li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet ta' Applikazzjoni għal-Leġiżlazzjoni Nazzjonali dwar it-Tnaqqis tal-Prezz mill-Pompa tal-Fjuwils tal-Vetturi bil-Mutur fit-Territorju Reġjonali Kif Ukoll għall-Applikazzjoni tal-Karta taċ-Ċittadini fid-Diversi Setturi Istituzzjonali) tat-12 ta' Novembru 1996 (*Bollettino ufficiale della Regione autonoma Friuli Venezia Giulia* n. 33, tal-14 ta' Novembru 1996, iktar 'il quddiem il-"Liġi Reġjonali Nru 47/96"), li tagħti lir-residenti tar-Reġjun ta' Friuli Venezia Giulia d-dritt li jiksbu tnaqqis fil-prezz tal-petrol "mill-pompa", kif ukoll tad-diesel mis-sena 2002. Il-mekkaniżmu inkwistjoni ppreveda l-għoti ta' skont lill-konsumaturi finali tal-fjuwils residenti f'dan ir-reġjun. Sabiex jimplimentaw dan il-mekkaniżmu, il-fornituri ta' fjuwil jgħaddu lill-operaturi tal-punti tal-bejgħ l-ammonti li jikkorrispondu mat-tnaqqis ta' prezz u mbagħad jitolbu rimbors lir-Reġjun.

29 Skont il-Kummissjoni, din is-sistema ta' konsenja ikkostitwixxiet sistema ta' tnaqqis illegali ta' dazji, li tieħu l-forma ta' rimbors ta' dawn tal-aħħar. Hija osservat li, l-ewwel, il-benefiċjarju tar-rimbors kien l-istess persuna bħal dik responsabbli għall-ħlas tas-sisa; it-tieni, kien hemm rabta diretta bejn is-sisa mħallsa lill-Istat mill-persuni taxxabbli tas-sisa, li kienu l-fornituri tal-fjuwil, u l-ammonti ta' rimbors koperti minnhom għan-nom tal-operaturi tal-pompi tal-petrol; u, it-tielet, is-sistema kellha bħala għan li tinnewtralizza d-differenzi sinjifikattivi fil-prezzijiet mar-Repubblika tas-Slovenja viċina li, fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi Reġjonali Nru 47/96, ma kinitx għadha Stat Membru tal-Unjoni.

30 Permezz ta' ittra tal-1 ta' April 2009, l-awtoritajiet Taljani wieġbu għal din l-ittra ta' intimazzjoni, billi sostnew li s-sistema ta' konsenja stabbilita mil-Liġi Reġjonali Nru 47/96 ma kellhiex effett fuq is-sistema fiskali. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet indikaw li s-sistema prevista mil-Liġi Reġjonali Nru 47/96, irrappurtata mill-Kummissjoni, kienet ġiet irriformata mil-leġiżlatur reġjonali. Wara dan l-intervent leġiżlattiv, ir-rimborsi kienu irċevewhom direttament l-operaturi tal-pompi tal-fjuwil u mhux iktar mill-fornituri ta' fjuwils.

31 Il-Liġi Reġjonali Nru 14/2010 stabbilixxiet sistema ġdida (iktar 'il quddiem is-"sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni") intiża sabiex tnaqqas l-ispiża finali tal-fjuwil sostnuta mill-konsumatur finali, li tikkonsisti f'"kontribuzzjoni għax-xiri" ta' dawn il-prodotti mill-awtoritajiet pubbliċi. Skont is-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni, fil-mument tal-akkwist ta' petrol jew ta' diesel fil-pompi tal-petrol mill-persuni fiżiċi residenti tar-Reġjun, proprjetarji ta' vetturi bil-mutur jew muturi, bil-għan li jintużaw bħala fjuwils, dawn il-persuni fiżiċi jingħataw sussidju, li jikkorrispondi għal ammont bażiku fiss għal kull litru ta' petrol u ta' diesel mixtri, li jvarja skont it-tip ta' fjuwil u ż-żona ta' dan ir-reġjun li fiha l-konsumatur ikkonċernat għandu r-residenza tiegħu (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjoni kontenzjuża"). Il-kontribuzzjoni kontenzjuża tingħata direttament lill-konsumatur finali mill-operaturi tal-pompi tal-petrol, li sussegwentement jiġu rrimborsati bis-somma korrispondenti mill-amministrazzjoni reġjonali.

32 Wara talba għal kjarifiki tal-Kummissjoni, indirizzata lir-Repubblika Taljana fil-11 ta' Mejju 2011, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru wieġbu, permezz ta' ittra tat-13 ta' Lulju 2011, li s-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni, introdotta permezz tal-Liġi Reġjonali Nru 14/2010, kellha tiġi applikata b'mod effettiv mill-1 ta' Novembru 2011.

33 Fit-12 ta' April 2013, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika Taljana kjarifiki ġodda dwar il-metodi tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni kontenzjuża.

34 Permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2013, l-awtoritajiet Taljani pprovdew kjarifiki dwar dawn il-modalitajiet kif ukoll dwar id-diviżjoni tar-Reġjun f'żewġ żoni territorjali li fihom kienu previsti livelli differenti ta' kontribuzzjoni.

35 Fil-11 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni nnotifikat ittra ta' intimazzjoni komplementari lir-Repubblika Taljana, li permezz tagħha hija kkritikat is-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni bħala li tikser id-Direttiva 2003/96, sa fejn kienet twassal għal tnaqqis tad-dazji tas-sisa, fil-forma ta' rimbors ta' dawn id-dazji, mhux previst minn din id-direttiva u lanqas awtorizzat mill-Kunsill skont l-Artikolu 19 tal-imsemmija direttiva.

36 Permezz ta' ittra tal-4 ta' Settembru 2014, l-awtoritajiet Taljani kkontestaw l-argument espost mill-Kummissjoni f'din l-ittra ta' intimazzjoni komplementari.

37 Fil-11 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Taljana li għaliha din tal-aħħar wieġbet permezz ta' ittra tal-11 ta' Frar 2016.

38 Billi ma kinitx issodisfatta b'din it-tweġiba, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

39 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ġunju 2019, ir-Renju ta' Spanja ġie awtorizzat jintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Taljana.

40 Minħabba l-kriżi sanitarja marbuta mat-tixrid tal-coronavirus, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet id-deċiżjoni li tannulla s-seduta prevista fit-23 ta' April 2020 u indirizzat lill-partijiet, permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2020, mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub, li l-Kummissjoni, ir-Repubblika Taljana kif ukoll ir-Renju ta' Spanja taw it-tweġibiet tagħhom.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

L-argumenti tal-Kummissjoni

41 Il-Kummissjoni tirrileva li d-dazji tas-sisa huma taxxi indiretti li jolqtu l-konsum ta' ċerti prodotti u li l-piż ekonomiku ta' dawn it-taxxi jkun sostnut mill-konsumatur finali. Ma hemm l-ebda dubju li s-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni introdotta mir-Reġjun għandha l-effett li tnaqqas l-ispiża sostnuta mill-konsumatur finali, billi tnaqqas it-tassazzjoni tal-prodotti kkonċernati.

42 Fil-fatt, is-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni, billi tipprevedi li, fil-mument tal-akkwist tal-petrol u tad-diesel fil-pompi tal-petrol mill-persuni fiżiċi residenti fir-Reġjun, l-operaturi tal-pompi tal-petrol jagħtu lil dawn il-persuni tnaqqis fil-prezz fiss li japplika għal kull litru ta' fjuwil mixtri, li l-ammont tiegħu ser jiġi rrimborsat lilhom iktar tard mill-amministrazzjoni reġjonali, jikkostitwixxi tnaqqis tad-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil mhux awtorizzat mid-Direttiva 2003/96.

43 Insostenn ta' dan l-ilment, il-Kummissjoni tenfasizza li d-Direttiva 2003/96 fiha numru ta' dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri japplikaw tnaqqis, eżenzjonijiet jew varjazzjonijiet tal-livell ta' tassazzjoni applikabbli għal ċerti prodotti jew skont ċerti użi. F'dan ir-rigward, hija tirreferi b'mod partikolari għall-Artikoli 5 u 7 kif ukoll 15 sa 19 ta' din id-direttiva. Dawn it-tnaqqis, eżenzjonijiet jew varjazzjonijiet jistgħu jiġu implimentati mill-Istati Membri skont il-modalitajiet previsti fl-Artikolu 6 tad-direttiva msemmija.

44 Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika livell imnaqqas ta' tassazzjoni fuq livell reġjonali, għandu jikkonforma ruħu ma' dak previst fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96 u, għaldaqstant, jitlob awtorizzazzjoni lill-Kunsill skont din id-dispożizzjoni. Fin-nuqqas ta' tali awtorizzazzjoni, l-implimentazzjoni ta' tnaqqis tar-rati tas-sisa fuq il-fjuwils għar-residenti tar-reġjun ta' Friuli Venezia Giulia tikkostitwixxi ksur tal-Artikoli 4 u 19 ta' din id-direttiva.

45 Fir-rigward tal-assimilazzjoni tas-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni ma tnaqqis mhux awtorizzat ta' rati tas-sisa, il-Kummissjoni ssostni l-pożizzjoni li, meta Stat Membru jagħti sussidju mhux awtorizzat mid-dritt tal-Unjoni, ikkalkolat direttament jew indirettament fuq il-kwantità ta' prodott tal-enerġija li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/96 fil-mument tat-tqegħid għall-konsum, dan is-sussidju jwassal għal tnaqqis illegali tal-piż fiskali fuq dan il-prodott tal-enerġija. F'tali ipoteżi, l-imsemmi sussidju jikkumpensa kompletament jew parzjalment id-dazji tas-sisa fuq il-prodott inkwistjoni. It-termini użati sabiex tiġi indikata l-miżura inkwistjoni ma humiex rilevanti. Huma rilevanti biss in-natura, il-karatteristiċi u l-effetti ta' din il-miżura.

46 Il-Kummissjoni ssostni li l-kontribuzzjoni kontenzjuża tingħata f'dan il-każ fil-forma ta' ammont fiss għal kull kwantità ta' fjuwil mixtri, li jikkorrispondi mal-metodu ta' kalkolu użat sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tad-dazji.

47 Mis-sentenza tal-25 ta' April 2013, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-55/12, mhux ippubblikat, EU:C:2013:274), jirriżulta li waħda mill-forom li fihom l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jagħtu eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni hija r-"rifużjoni kollha jew parti ta' l-ammont ta' tassazzjoni", konformement ma' dak li jipprevedi l-Artikolu 6(ċ) tad-Direttiva 2003/96. Issa, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rimbors ta' dazji tas-sisa fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma huwiex importanti jekk il-persuna li hija suġġetta għall-pagament ta' dazji tas-sisa ma hijiex dik li tirċievi l-kontribuzzjoni kontenzjuża.

48 Barra minn hekk, sabiex tikklassifika l-kontribuzzjoni għax-xiri ta' fjuwils bħala "rimbors tas-sisa" fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra bħala determinanti l-konstatazzjoni li biha l-kontribuzzjoni kontenzjuża titħallas permezz ta' fondi pubbliċi u, f'dan il-każ, ta' fondi reġjonali. Fil-fatt, ir-rimbors magħmul permezz ta' tali fondi pubbliċi jwassal fil-fatt għan-newtralizzazzjoni tat-tassazzjoni tal-prodott.

49 F'dan ir-rigward, ma huwiex importanti jekk il-finanzjament tal-kontribuzzjoni għax-xiri tal-fjuwils ikun ġej mid-dħul ġenerali tar-Reġjun u mhux speċifikament mill-parti tad-dazji tas-sisa li l-Istat jgħaddi lil dan ir-reġjun wara li jkun irċevieha. Ikun ukoll irrilevanti l-fatt li l-kontribuzzjoni kontenzjuża titħallas ukoll lir-residenti tal-imsemmi reġjun għax-xiri ta' fjuwil li jsir barra dan ir-reġjun.

50 Il-Kummissjoni tirrileva, minn naħa, li fil-passat, ir-Repubblika Taljana diġà ġiet awtorizzata tapplika tnaqqis tar-rati tas-sisa fuq il-fjuwils ikkunsmati fit-territorju tar-Reġjun u li, sussegwentement, fis-17 ta' Ottubru 2006, ġiet imressqa talba għal deroga dwar dan l-istess territorju, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96, li dan l-Istat Membru, fil-11 ta' Diċembru 2006, irtira. Il-Kummissjoni tqis li, minkejja l-emendi li saru matul is-snin, peress li s-sistema ta' skont ġiet stabbilita mil-Liġi Reġjonali Nru 47/96 kellha struttura u effetti globalment identiċi għal dawk tas-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni.

51 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tindika li l-Kunsill diġà kien awtorizza, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96, ċertu numru ta' tnaqqis tas-sisa għall-benefiċċju ta' reġjuni jew żoni speċifiċi ta' Stat Membru. F'dan ir-rigward, hija ssemmi b'mod partikolari d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1767 tal-25 ta' Settembru 2017 li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-karburanti tal-magni użati fil-Gżejjer tal-Inner u tal-Outer Hebrides, fin-Northern Isles, fil-gżejjer fiż-żona Clyde, u fl-Isles of Scilly, b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE (ĠU 2017, L 250, p. 69), kif ukoll id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni

tal-Kunsill (UE) 2015/356 tat-2 ta' Marzu 2015 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika livelli ta' tassazzjoni ddivrenzjati għall-fjuwils tal-magni f'ċerti żoni ġeografiċi, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE (ĠU 2015, L 61, p. 24). Il-Kummissjoni tindika li l-mekkaniżmu stabbilit mir-Renju Unit għall-fjuwils ikkonsmati fil-Hebrides u l-Gżejjer tal-Firth of Clyde u Scilly huwa, essenzjalment, identiku għas-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni.

52 Barra minn hekk, fir-rigward tar-rabta bejn il-kontribuzzjoni mogħtija lir-residenti ta' dan ir-reġjun u l-komponent tal-prezz tal-fjuwil relatat mad-dazji tas-sisa, il-Kummissjoni tosserva li l-fatt li r-rati tas-sisa u l-kontribuzzjoni kontenzjuża ma jikkoinċidux huwa irrilevanti, peress li r-rimbors tad-dazji tas-sisa jista' wkoll ikun parzjali. Il-fatt li l-parti tal-prezz tal-fjuwil ikkostitwita mill-ispiża ta' produzzjoni tiegħu hija ogħla mill-ammont imħallas bħala kontribuzzjoni kontenzjuża huwa wkoll irrilevanti u ma jbiddel xejn mill-fatt li l-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni jikkostitwixxi rimbors tad-dazji tas-sisa.

L-argumenti tar-Repubblika Taljana

53 Ir-Repubblika Taljana tirrikonoxxi wkoll li l-"flessibilità neċessarja biex jiddefinixxu u jimplimentaw politiki xierqa skond iċ-cirkostanzi nazzjonali tagħhom", li hija rrikonoxxuta lill-Istati Membri skont il-premessa 9 ta' din id-direttiva, ma tfissirx li dawn tal-aħħar huma liberi li jintroduċu varjazzjonijiet fil-livell ta' tassazzjoni, peress li jistgħu jagħmlu dan biss fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva msemmija li jipprevedu derogi għal dan il-għan.

54 Għalhekk, l-għan li għandu jintlaħaq mis-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni għandu jaqa' taħt il-każijiet elenkati b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tad-Direttiva 2003/96. Jekk dawn huma għanijiet differenti marbuta ma' "raġunijiet speċifiċi ta' politika", l-Istat Membru kkonċernat għandu, konformement ma' dak previst fl-Artikolu 19 ta' din id-direttiva, imur quddiem il-Kunsill li, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu, jista' jawtorizza l-introduzzjoni ta' eżenzjonijiet jew ta' tnaqqis supplimentari. Madankollu, ir-Repubblika Taljana tenfasizza li dawn ir-restrizzjonijiet japplikaw biss sa fejn Stat Membru jkollu l-intenzjoni jintroduċi miżura li tikkonsisti f'"eżenzjoni u tnaqqis tal-livell ta' tassazzjoni" tal-prodotti tal-enerġija u li, għaldaqstant, huwa ċar li miżura nazzjonali li ma għandhiex tali effett ma hijiex ser tkun suġġetta għar-restrizzjonijiet imsemmijin.

55 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza jew le ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fil-kap tagħha, għandu b'mod partikolari jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 6(ċ) tad-Direttiva 2003/96, li jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-każijiet li fihom l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni previsti minn din id-direttiva jsiru "permezz ta' rifużjoni kollha jew parti ta' l-ammont ta' tassazzjoni". Skont dan l-Istat Membru, il-Kummissjoni tagħti interpretazzjoni wiesgħa wisq tal-Artikolu 6(ċ) ta' din id-direttiva msemmija billi tqis li kull forma ta' sussidju jew ta' kontribuzzjoni relatata ma' oġġetti suġġetti għas-sisa, minħabba s-sempliċi fatt li huwa ffinanzjat minn fondi pubbliċi, hija rimbors tas-sisa u, għaldaqstant, tikkostitwixxi evitar tal-imsemmija direttiva.

56 Ir-Repubblika Taljana hija tal-fehma li jkun hemm rimbors totali jew parzjali tal-ammont tat-taxxa, fis-sens tal-Artikolu 6(ċ) tad-Direttiva 2003/96, meta l-awtorità fiskali tħallas lura lill-persuna taxxabbli d-drittijiet tas-sisa li hija kienet ħallset preċedentement. Għalhekk hija ssostni li l-miżuri nazzjonali jew reġjonali li ma għandhomx il-karatteristiċi ddefiniti fl-Artikolu 6(ċ) ta' din id-direttiva għandhom jiġu kkunsidrati bħala estranji għall-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva msemmija u jaqgħu fis-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri.

57 Ir-Repubblika Taljana sssostni li, kuntrarjament għal dak li kien il-każ fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-25 ta' April 2013, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-55/12, mhux ippubblikata, EU:C:2013:274), li fiha l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tindika espressament li s-suġġett tar-rimbors kien il-komponent "sisa" tal-prezz tal-fjuwil, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax titlaq minn tali premessa fil-kuntest ta' din

il-kawża. Hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-prova li l-kontribuzzjoni kontenzjuża effettivament tikkorrispondi għal rimbors tad-dazji tas-sisa. Issa, il-Kummissjoni ma pproduċietx din il-prova.

58 Ir-Repubblika Taljana tippreċiża, f'dan ir-rigward, li ma jistax jiġi dedott mis-sentenza tal-25 ta' April 2013, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-55/12, mhux ippubblikata, EU:C:2013:274), li l-Artikolu 6(ċ) tad-Direttiva 2003/96 ikopri kull ipoteżi ta' sussidju li jikkonċernaw oġġetti suġġetti għas-sisa permezz ta' fondi pubbliċi, iżda pjuttost li din id-dispożizzjoni tinkludi biss il-pagament ta' somom li jżommu, b'mod jew ieħor, rabta mad-dazji tas-sisa mħallsa inizjalment. Hija tenfasizza li l-kontribuzzjoni kontenzjuża hija mogħtija lill-konsumaturi finali u li ma teżisti l-ebda rabta bejn it-taxxa inizjalment imħallsa mill-persuni taxxabbli u s-somma ta' flus mogħtija lir-residenti tar-Reġjun mill-baġit reġjonali.

59 Sabiex turi l-assenza ta' rabta bejn id-dazji tas-sisa inizjalment imħallsa mill-persuni responsabbli għall-ħlas ta' din it-taxxa u l-kontribuzzjoni kontenzjuża, ir-Repubblika Taljana tirreferi, essenzjalment, għall-elementi segwenti.

60 Fl-ewwel lok, il-benefiċjarji tal-kontribuzzjoni kontenzjuża huma l-persuni fiżiċi residenti fit-territorju tar-Reġjun, li ma humiex suġġetti għad-dazji tas-sisa.

61 Fit-tieni lok, din il-kontribuzzjoni ma hijiex iffinanzjata mid-dħul tad-dazji tas-sisa mħallas lura mill-Istat lir-reġjun, iżda mid-dħul ġenerali tar-Reġjun.

62 Fit-tielet lok, l-imsemmija kontribuzzjoni tingħata lir-residenti ta' dan ir-reġjun ukoll għall-mili tal-fjuwil imwettaq barra mit-territorju tiegħu.

63 Fir-raba' lok, il-piż tal-istess kontribuzzjoni jaqa' fuq l-operaturi tal-pompi tal-petrol li jħallsu temporanjament l-ispiża tagħhom, qabel ma sussegwentement jiġu rrimborsati mill-amministrazzjoni reġjonali. Dawn l-operaturi lanqas ma huma l-persuni responsabbli għad-dazji tas-sisa fuq il-fjuwils. F'dan ir-rigward, l-ipoteżi invokata mill-Kummissjoni, li skontha installazzjoni ta' distribuzzjoni ta' fjuwil jista' jkollha, f'ċerti każijiet, il-funzjoni ta' maħżen fiskali awtorizzat sabiex iqiegħed fis-suq il-fjuwil, ma teżistix fl-ordinament ġuridiku Taljan, b'mod li tali installazzjoni ma tista' qatt tkun suġġetta għad-dazji tas-sisa.

64 Fil-ħames lok, il-kontribuzzjoni kontenzjuża tingħata mir-Reġjun, filwaqt li d-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil huma taxxa miġbura mill-Istat u mħallsa meta l-fjuwil jiġi ttrasferit fit-tankijiet tal-pompa tal-petrol.

65 Fis-sitt lok, il-kontribuzzjoni tingħata skont kriterji distinti minn dawk li fuqhom huwa bbażat il-ġbir tad-dazji tas-sisa. L-ammont tiegħu jvarja skont it-tip ta' fjuwil u ż-żona ta' residenza tal-benefiċjarju.

66 Fis-seba' lok, l-għan tal-miżura inkwistjoni implimentata mis-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni ma huwiex relatat mal-komponent tas-"sisa" tal-prezz tal-fjuwil, kuntrarjament għal dak li kien il-każ fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-25 ta' April 2013, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-55/12, mhux ippubblikata, EU:C:2013:274).

67 Fl-aħħar nett, fit-tmien lok, huwa impossibbli li l-kontribuzzjoni kontenzjuża tiġi marbuta b'mod oġġettiv mal-komponent "sisa" tal-prezz tal-fjuwil "mal-pompa". Din il-kontribuzzjoni hija pjuttost relatata mal-komponent "spiża tal-produzzjoni" ta' dan il-prezz, li l-ammont tiegħu huwa ogħla, peress li huwa intiż sabiex jibbilanċja din l-ispiża f'reġjun ikkaratterizzat min-nuqqas ta' infrastrutturi. Fil-fatt, il-varjazzjonijiet qawwija fil-prezz tal-fjuwil minn reġjun għal ieħor tat-territorju Taljan huma imputabbli biss għall-komponent "spiża tal-produzzjoni", li huwa stess jinfluwenza l-livell ta' infrastruttura eżistenti f'kull reġjun.

L-argumenti tar-Renju ta' Spanja

68 Ir-Renju ta' Spanja jikkunsidra li s-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni, prevista mil-Liġi Reġjonali Nru 14/2010, tikkostitwixxi għajnuna għax-xiri ta' fjuwil għar-residenti tar-Reġjun, li hija intiża sabiex tnaqqas l-ispiża addizzjonali marbuta mal-fatt li l-ispiża tal-produzzjoni tal-fjuwils hija ogħla f'dan ir-reġjun.

69 Dan l-Istat Membru jsostni ċertu numru ta' elementi li jippermettu, fil-fehma tiegħu, li tiġi kkonfermata l-awtonomija assoluta tal-kontribuzzjoni kontenzjuża meta mqabbla mad-dazji tas-sisa li għalihom huwa suġġett il-fjuwil.

70 Fl-ewwel lok, id-dazji tas-sisa jinġabru kollha kemm huma mill-Istat fil-mument li jitqiegħed għall-konsum. Fit-tieni lok, il-kontribuzzjoni kontenzjuża ma hijiex iffinanzjata mid-dħul tas-sisa mħallas lura mill-Istat lir-Reġjun, iżda mid-dħul ġenerali ta' dan ir-reġjun. Barra minn hekk, din il-kontribuzzjoni tingħata wkoll meta l-benefiċjarji tagħha jagħmlu provvista ta' fjuwil f'reġjuni Taljani oħra. Fit-tielet lok, l-imsemmija kontribuzzjoni ma tingħatax lill-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa tas-sisa, iżda lill-persuni fiżiċi residenti fit-territorju tar-Reġjun. Fir-raba' lok, l-istess kontribuzzjoni tingħata lill-benefiċjarji mill-operaturi tal-pompi tal-petrol u tiġi rrimborsata lil dawn tal-aħħar mill-amministrazzjoni ta' dan ir-reġjun. Fl-aħħar nett, fil-ħames lok, il-kontribuzzjoni kontenzjuża tingħata skont kriterju li ma għandu l-ebda rabta mad-dazji tas-sisa, fil-forma ta' ammont fiss, tkun xi tkun ir-rata tas-sisa fuq il-fjuwil ikkonċernat.

71 Ir-Renju ta' Spanja jqis, barra minn hekk, li għajnuna reġjonali espressa f'valur fiss, inqas mill-ispiża ta' produzzjoni tal-fjuwils u rregolata minn leġiżlazzjoni li ma hijiex ta' natura fiskali, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala mezz intiż sabiex jitnaqqas il-piż fiskali marbut mal-fjuwils.

72 Fil-fatt, il-prezz tal-bejgħ tal-fjuwils lill-konsumatur finali huwa magħmul minn diversi elementi, jiġifieri, l-ewwel nett, l-ispiża taż-żejt mhux maħdum u l-marġni tar-raffinar; it-tieni, l-ispejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' trasport sal-punt tal-bejgħ; u, it-tielet, il-komponenti fiskali tal-prezz, bħad-dazji tas-sisa u l-VAT.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

73 Il-Kummissjoni ssostni li, billi introdućiet is-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni, li tipprevedi li tagħti, għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi residenti fir-Reġjun, tnaqqis fil-prezz fiss għal kull litru ta' petrol u ta' diesel mixtri sabiex jintuża bħala fjuwil, ir-Repubblika Taljana stabbilixxiet tnaqqis tad-dazji tas-sisa, fil-forma ta' rimbors tal-ammont tat-taxxa, bi ksur tal-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 4 u 19 tad-Direttiva 2003/96.

74 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar qabel kollox li, skont ġurisprudenza stabbilita dwar l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Hija din tal-aħħar li għandha tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi neċessarji għall-verifika tagħha tal-eżistenza ta' dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, mingħajr ma tista' tibbaża ruħha fuq xi kwalunkwe preżunzjoni (sentenza tal-5 ta' Settembru 2019, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Bakterja Xylella fastidiosa), C-443/18, EU:C:2019:676, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Billi tipprevedi sistema ta' tassazzjoni armonizzata tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku, id-Direttiva 2003/96 għandha l-għan, kif jirriżulta mill-premessi 2 sa 5 u 24 tagħha, li tippromwovi l-funzjonament tajjeb tas-suq intern fis-settur tal-enerġija, billi tevita, b'mod partikolari, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Autoservizi Giordano, C-513/18, EU:C:2020:59, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għal dan il-għan, din id-direttiva tirrikjedi, skont l-Artikolu 4(1) tagħha, li l-livelli ta' tassazzjoni li l-Istati Membri japplikaw għall-prodotti ta' enerġija u

elettriku msemmija fl-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva ma jkunux inqas mil-livelli minimi previsti minnha, filwaqt li tinkludi, b'mod partikolari fl-Artikoli 5 u 7 tagħha kif ukoll fl-Artikoli 15 sa 19 tagħha, serje ta' dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri japplikaw tnaqqis, eżenzjonijiet jew differenzjazzjonijiet tal-livell ta' tassazzjoni għal ċerti prodotti jew użi.

76 Skont il-Kummissjoni, minn dawn l-aħħar dispożizzjonijiet jirriżulta li meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika livell imnaqqas ta' tassazzjoni fil-livell reġjonali, kif għamlet ir-Repubblika Taljana permezz tas-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni, l-unika possibbiltà hija li huwa jirrikorri għall-Artikolu 19 tal-imsemmija direttiva, li jimplika, għalih, li jitlob awtorizzazzjoni f'dan is-sens lill-Kunsill, skont din id-dispożizzjoni.

77 Sabiex jiġi ddeterminat jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat mill-Kummissjoni huwiex ikkostitwit, għandha tiġi vverifikata l-premessa li fuqha hija bbażata u, f'dan ir-rigward, għandu jiġi evalwat jekk is-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni għandhiex tiġi kklassifikata bħala "rimbors totali jew parzjali tal-ammont tat-taxxa", fis-sens tal-Artikolu 6(ċ) ta' din id-direttiva.

78 Fil-fatt, il-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tal-imsemmija direttiva, li jikkonsistu fi tnaqqis mhux awtorizzat tad-dazji tas-sisa timplika li tali tnaqqis ikun ħa waħda mit-tliet forom elenkati fl-Artikolu 6 tal-istess direttiva. Issa, fost dawn it-tliet forom, hija biss dik ta' rimbors totali jew parzjali tal-ammont tat-taxxa li tista' eventwalment tiġi kkawżata mis-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni.

79 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, sabiex din is-sistema ta' kontribuzzjoni tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "rimbors", fis-sens tal-Artikolu 6(ċ) tad-Direttiva 2003/96, huwa neċessarju li l-ammont li jitħallas taħt l-imsemmija sistema ta' kontribuzzjoni jiġi minn ammonti tad-dazji tas-sisa miġbura mill-Istat Taljan jew, tal-inqas, li l-imsemmi ammont imħallas ikollu rabta reali mad-dazji tas-sisa miġbura mill-Istat Taljan, b'mod li din l-istess sistema ta' kontribuzzjoni tkun intiża li tinnewtralizza jew tnaqqas id-dazji tas-sisa fuq il-fjuwils.

80 L-argument tal-Kummissjoni li jgħid li l-oriġini tas-somom imħallsa fil-kuntest ta' rimbors ta' taxxa ftit jimporta, sakemm dawn ikunu ġejjin minn fondi pubbliċi tal-Istat, ma jistax jiġi segwit.

81 F'dan ir-rigward, għandu b'mod partikolari jiġi osservat li, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, il-Kummissjoni ma tikkontestax il-fatt li s-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni hija ffinanzjata mill-baġit ġenerali tar-Reġjun u mhux, b'mod speċifiku, mill-parti tad-dazji tas-sisa fuq il-fjuwils ittrasferita mill-Istat Taljan lil dan il-baġit. Is-somom imħallsa abbażi ta' dan it-trasferiment huma inklużi fil-baġit ġenerali tar-Reġjun u jitilfu kull forma ta' individwalizzazzjoni.

82 Fi kwalunkwe każ, f'din il-kawża, il-Kummissjoni la tinvoka u lanqas turi l-eżistenza ta' ndħil oġġettiv bejn is-sors finanzjarju tas-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni u d-dħul li jirriżulta mill-ġbir, mill-Istat Taljan, tad-dazji tas-sisa fuq il-fjuwils, li parti minnhom hija sussegwentement ittrasferita fil-baġit ġenerali tar-Reġjun.

83 Barra minn hekk, kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 103 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li l-kontribuzzjoni kontenzjuża tibbenefika wkoll lill-persuni fiżiċi residenti fit-territorju tar-Reġjun meta jiksbu l-fjuwil f'reġjuni Taljani oħra huwa tali li joħloq dubju dwar l-eżistenza ta' rabta bejn l-ammont li jitħallas fir-rigward ta' din il-kontribuzzjoni u l-ammonti tad-dazji tas-sisa miġbura.

84 Barra minn hekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punt 79 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni lanqas ma pproduċiet prova tali li tistabbilixxi li s-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi newtralizzazzjoni jew tnaqqis tad-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil.

85 Kif issostni r-Repubblika Taljana, appoġġjata f'dan il-punt mir-Renju ta' Spanja, ladarba l-ispiża tal-produzzjoni tal-fjuwil teċċedi l-ammont tal-kontribuzzjoni kontenzjuża, ma jistax jiġi eskluż li din is-sistema għandha l-għan li tnaqqas ir-riperkussjonijiet tal-ispejjeż ta' produzzjoni ogħla fuq il-prezz finali tal-fjuwils, sa fejn dawn l-ispejjeż, li l-ammont tagħhom tista' tvarja b'mod sinjifikattiv minn reġjun għal ieħor, jistgħu joħolqu differenzi fil-prezz tal-fjuwils skont ir-reġjun ikkonċernat.

86 Issa, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 105 u 108 tal-konklużjonijiet tiegħu, peress li l-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuq elementi speċifiċi insostenn tal-affermazzjoni tagħha li s-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni twettaq newtralizzazzjoni jew tnaqqis tad-dazji tas-sisa fuq il-fjuwils, din l-affermazzjoni hija assimilata ma' preżunzjoni. Fil-fatt, kif ġie kkonstatat fil-punt 109 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa impossibbli li jiġi konkluż b'ċertezza li t-tnaqqis tal-prezz tal-fjuwils jimplika tnaqqis ta' dawn id-dazji tas-sisa.

87 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma pproduċietx il-prova tal-eżistenza ta' rabta reali bejn is-somom imħallsa taħt is-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni u dawk li nġabru bħala dazji tas-sisa fuq il-fjuwils mibjugħa lir-residenti tar-Reġjun, b'tali mod li din is-sistema ta' kontribuzzjoni twassal għan-newtralizzazzjoni jew għat-tnaqqis tad-dazji tas-sisa permezz ta' din il-kontribuzzjoni.

88 Ċertament, il-fatt li l-persuni responsabbli għall-ħlas tad-dazji tas-sisa u l-benefiċjarji tal-kontribuzzjoni kontenzjuża huma differenti ma jeskludix fih innifsu li l-eżistenza ta' rimbors ta' din it-taxxa tista' tiġi kkonstatata, kif jirriżulta mis-sentenza tal-25 ta' April 2013, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-55/12, mhux ippubblikata, EU:C:2013:274). Madankollu, kif ġie espost fil-punt 94 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit li teżisti rabta reali bejn din il-kontribuzzjoni u d-dazji tas-sisa fuq ix-xiri ta' fjuwil.

89 Bl-istess mod, il-fatt li l-kontribuzzjoni kontenzjuża tingħata skont il-kwantità ta' fjuwil mixtri u li l-ammont tagħha jvarja b'hekk skont din il-kwantità lanqas ma jindika l-eżistenza ta' rabta bejn din il-kontribuzzjoni u d-dazji tas-sisa. Fil-fatt, din il-varjazzjoni hija dovuta biss għall-fatt li, bħall-kontribuzzjoni kontenzjuża, id-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil huma dovuti għal kull litru ta' fjuwil mixtri, mingħajr ma dan ix-xebh waħdu ta' metodu ta' kalkolu jkun tali li jikkontesta l-konklużjoni li tinsab fil-punt 87 ta' din is-sentenza. Barra minn hekk, b'differenza għad-dazji tas-sisa, din il-kontribuzzjoni hija espressa f'ammonti fissi u tvarja wkoll skont iż-żona ta' abitazzjoni tal-benefiċjarju.

90 Il-fatt li sistema ta' tnaqqis eżistenti qabel, li ċerti elementi tagħha huma simili għal dawk tas-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni, kienet is-suġġett ta' deroga awtorizzata skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/96 jew tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni preċedenti f'dan il-qasam jista' biss jikkostitwixxi indizju li jiġġustifika l-eżami tal-konformità tal-iskema l-ġdida, jiġifieri s-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni, iżda ma jistax jippreġudika r-riżultat ta' dan l-eżami.

91 L-istess japplika għall-fatt li sistemi nazzjonali għandhom ċertu xebh mas-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni ġew approvati mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96.

92 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ma pproduċietx il-prova, b'mod suffiċjenti fid-dritt li, billi introduċiet is-sistema ta' kontribuzzjoni inkwistjoni, li tipprevedi li tagħti, għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi residenti fir-Reġjun, tnaqqis fil-prezz fiss għal kull litru ta' petrol u ta' diesel mixtri sabiex jintuża bħala fjuwil, ir-Repubblika Taljana stabbilixxiet tnaqqis tad-dazji tas-sisa, fil-forma ta' rimbors tal-ammont tat-taxxa, u lanqas, konsegwentement, li dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva 2003/96 u taħt l-Artikoli 4 u 19 tad-Direttiva 2003/96.

93 Konsegwentement, ir-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

94 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika Taljana talbet li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż u din tal-aħħar tilfet il-kawża, hemm lok li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

95 Skont l-Artikolu 140(1) ta' dawn ir-regoli, li jipprevedi li l-Istati Membri intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom, ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

Firem